MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru. 509/2005

**Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Stephen Abdilla**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Abdilla ta’ 18-il sena, bin Alfred u Rita nee’ Gravina, imwieled Pieta’ nhar is-17 ta’ Lulju 1986, residenti Woburnabbey, 31, Triq il-Fejgel, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 326886(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Gunju 2005, ghall-habta ta' 12.15am gewwa Hal Ghaxaq, xewwex gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f' numru ta' ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat, liema reat fil-fatt sehh.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha parti attiva f' gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma giet imxewxa minn xi hadd in partikolari.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jhedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel xi haga minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega mill-ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b' mod iehor.

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura numru FAD583 kontra sinjali tat-traffiku indikat f' dik il-lokalita'.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura numru FAD583 b' manjiera traskurata u perikoluza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta'

Gunju 2005 (esebit a fol. 28 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2005 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta’ Gunju 2005 ghall-habta ta’ 12.15am f’Hal-Ghaxaq waqt ic-celebrazzjonijiet tal-festa ta’ San Guzepp meta kien ghadu kif spicca il-marc tal-Gimgha filghaxija. Mill-provi rrizulta li ezatt kif spicca il-marc f’Labour Avenue fejn hemm iz-zewg kazini tal-banda rivali ta’ xulxin, u cioe’ dak ta’ Santa Marija u dak ta San Guzepp ftit metri l-boghod minn xulxin, instemghu xi hornijiet u deher vann li fuqu kien hemm statwa gdida ta’ San Guzepp u inqala’ l-inkwiet ghaliex il-partitarji tal-kazin ta’ Santa Marija pretendew li dan il-vann ma jghaddiex minn quddiem il-kazin ta’ Santa Marija. Irrizulta wkoll li din l-istatwa kellha tingieb minn Ghawdex ghaliex kienet saret minn skultur Ghawdxi u suppost kellha tasal il-gurnata tal-Erbgha izda waslet il-Gimgha filghaxija, u kellha tittella fuq pedestall. Malli dan il-vann bl-istatwa fuqu li kien qed jigi misjuq mill-imputat Stephen Abdilla wasal vicin il-kazin ta’ Santa Marija bdew jitwaddbu hafna fliexken tal-hgieg fid-direzzjoni tal-vann u nqalghet kommozzjoni shiha. Il-Pulizija pruvat tintervjeni izda l-vann xorta wahda ghadda minn quddiem il-kazin ta’ Santa Marija ghaliex jidher li xi hadd qal lis-sewwieq sabiex isuq.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'sensiela ta' akkuzi li jinkludu dik li kien jifforma parti minn gemgha ta' nies li kienu aktar minn ghaxra li ngemghu flimkien sabiex jikkommettu reat, dik li m'obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, dik li ghamel xi haga minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti, dik li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika, dik li bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies, dik li saq vettura kontra is-sinjali tat-traffiku u li saq b'manjiera traskurata u perikoluza. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u jidrilha li ebda wahda minn dawn l-akkuzi ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat kien qed isuq il-vann wahdu u bl-ebda mod ma rrizulta li huwa kien involut fit-twaddib tal-fliexken li rrizulta li kienu qed jitwaddbu mill-Kazin ta' Santa Marija, u bl-ebda mod ma rrizulta li huwa kien parti minn xi gemgha ta' nies intenzjonati li jikkommettu reat. Huwa ghalhekk qed jigi liberat mill-ewwel u mit-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-provi l-anqas ma rrizulta li l-imputat inghata xi ordni mill-Pulizija li ma obdiex, kull ma rrizulta huwa li huwa inghata ordni sabiex isuq fil-mument li bdew jintefghu il-fliexken u huwa fil-fatt hekk ghamel. Minn imkien ma jirrizulta min ta din l-ordni. L-imputat qieghed ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda r-raba' akkuza irrizulta li kien hemm licenzja ghall-armar estiza anki ghal matul il-lejl fil-perijodu tal-festa u fix-xahar ta' qabel u rrizulta wkoll li l-istatwa kienet qed tingarr sabiex titqieghed fuq pedestall bhala parti mit-tizjin. Bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat kien qed jaghmel xi haga ohra minghajr id-debita licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti. L-anqas ma rrizulta li l-imputat kiser il-buon ordni u l-paci pubblika ghaliex huwa kien u baqa' fil-vann jew li altrimenti kiser il-mistrieh tan-nies bil-lejl bil-hsejjes ghaliex huwa prattikament impossibbli li tikser il-mistrieh tan-nies waqt li jkun ghaddej marc jew meta jkun ghadu kemm spicca u b'dawk in-nies kollha fit-triq. In kwantu jirrigwarda s-seba' u t-tmien akkuza la rrizulta li l-imputat saq kontra sinjal ta' one way u l-anqas li saq b'mod perikoluz u traskurat stante li kull ma rrizulta huwa li huwa saq il-vann wara li xi hadd qallu sabiex isuq u dan waqt li kienu niezlin xita ta' fliexken fid-direzzjoni tal-istess vann.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------